MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 59/2009/1

Rikors Numru 59/2009 FDP

**Anthony Aquilina (ID 963948M), Martin Aquilina, Mario Aquilina u Rita Chetcuti**

**vs**

**Doreen Mizzi (ID 285651M)**

Seduta ta’ nhar il-Hamis (28) ta’ Novembru 2013

Il-Bord,

Ra ir-rikors ta' ritrattazzjoni ippresentat mir-rikorrenti a bazi tal-Artikolu 42 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hija stqarret illi, f'sentenza moghtija fit 23 ta' Novembru 2011 fl-istess ismijiet minn dana il-Bord, kif diversament

kompost, il-Bord laqa' t-talba tal-familja Aquilina ghar-ripreza tal-fond 169, "Rose", Rue D'Argens, Msida, liema fond kien mikri lir-rikorrenti.

Hija stqarret illi hija qatt ma giet notifikata kif trid il-Ligi u ghalhekk hija tilfet il-kawza u saret taf bil-kawza biss meta giet mgharrfa permezz ta' ittra normali li kellha tivvaka l-fond. Stqarret ukoll illi r-rikors promotur ma indikax la l-indirizzi ta' l-ahwa Aquilina kif  ukoll id-dettalji tal-Karta ta' l-Identita' u lanqas ma indika data meta l-kirja kellha taghlaq, u ghalhekk ir-rikors promotur kien null.

Apparti minn hekk, stqarret ukoll illi r-rikorrenti fil-kawza li qed tigi ritrattata, ossija l-familja Aquilina, kienu ghamlu dikjarazzjonijiet foloz meta qalu illi r-rikorrenti fil-proceduri odjerni ma kienetx qieghda tirrisjedi gewwa l-fond aktar.

Kien ghalhekk illi ir-rikorrenti ritrattandi Mizzi talbet lill-Bord sabiex tirrevoka thassa u tikkancella l-effetti tad-decizjoni mehudha fit 23 ta' Novembru 2011 u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 42 et seq tal-Kap 69.

Ra ir-risposta tar-ritrattati Aquilina ippresentata fis 27 ta' Frar 2012 fejn huma laqghu ghal dak mitlub mir-rikorrenti ritrattandi billi qalu, l-ewwel u qabel kollox, illi eccezzjonijiet dwar notifiki ma jinkwadrawx ruhhom fl-istitut tar-ritrattazzjoni mressaq mir-rikorrenti ritrattandi fl-artikolu 42 tal-Kap 69, filwaqt illi shaqu illi huma ma ghamlu ebda dikarazzjoni falza izda ibbazaw il-provi taghhom fuq persuna estranea li taf ben tajjeb il-fond meritu tal-kawza odjerna u il-fatt illi dana ma kienx fil-fatt qed ikun okkupat mir-rikorrenti ritrattandi.

Ra l-affidavit ta' **Doreen Mizzi** u **Peter Muscat Scerri** ippresentat fit 28 ta' Settembru 2012.

Ra illi fit 8 ta' Ottubru 2012 ir-rikorrenti ritrattandi iddikjarat illi ma kellhiex provi x'tippresenta.

Sema ix-xhieda in kontro ezami ta' **Doreen Mizzi** illi sar fid 29 ta' Novebru 2012.

Ra illi fit 23 ta' Mejju 2013 il-partijiet qablu illi l-atti tar-rikors originali meritu tar-ritrattazzjoni odjerna kellhom jigi annessi u jiffurmaw parti integrali mill-process odjern.

Sema ix-xhieda ta' **Martin Aquilina** moghtija fit 23 ta' Mejju 2013.

Ra illi fit 23 ta' Mejju 2013 l-intimati ritrattati iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Sema it-trattazzjoni ta l-abbli difensuri tal-partijiet fis 27 ta' Gunju 2013, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna talba da' parte ta' persuna illi tilfet il-kawza li kienet infethet kontra taghha, ossija ir-rikorrenti fi-proceduri odjerni, fejn hija talbet illi d-decizjoni tal-Bord moghtija fit 23 ta' Novembru 2011 fejn hija giet zgumbrata mill-fond residenzjali taghha tigi annullata u terggha tinstema mill-gdid.

Illi l-kawza odjerna giet intavolata mir-rikorrenti ritrattandi abbazi tal-Artikolu 42 tal-Kap 69 u ghalhekk ikun opportun illi ssir referenza ghal dak pprovdut f'dana l-artikolu. Dana l-provvediment tal-Ligi jistabilixxi illi

*Jekk jinsab li waħda mill-partijiet ħadet deċiżjoni favorevoli mill-Bord minħabba dikjarazzjoni falza magħmula minnha, il-parti kuntrarja tista' tagħmel talba lill-Bord għas-smigħ mill-ġdid tar-rikors u tista' wkoll taġixxi quddiem il-qorti kompetenti għad-danni u għall-ħlas ta' penali ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87), kif tiġi stabbilita mill-qorti.*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ressqet, bhala bazi tal-argumentazzjoni li biha talbet li d-decizjoni originali tigi annullata u l-kawza terggha tinstema mill-gdid, is-segwenti argumentazzjonijet:

1. Illi hija qatt ma kienet taf bil-kawza ghalkemm in-notifika saritilha permezz tal-
pubblikazzjoni u affissjoni

2. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti kienu naqqsu milli jindikaw in-numru tal-karta ta' l- Identita' taghhom u l-indirizz taghhom;
3. Illi r-rikorrenti kienu naqqsu milli jiddikjaraw id-data ta' meta kienet ser taghlaq il-kirja tal- fond.

4. Illi r-rikorrenti kienet hadu decizjoni favorevoli kontra taghha minhabba f'dikjarazzjonjiet foloz u infondati illi huma kienu ghamlu meta huma iddikjaraw illi Mizzi ma kienetx qed tirrisjedi fil-fond in kwistjoni.

**Ikkunsidra**

Kif qalet il_Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Giuseppe Tabone et vs Ursola Farrugia et**" (11/12/1950, Koll. Vol. XXXIV – 1- 293):-

*"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju li jidderoga ghall-principju ta' l-irrevokabilita` tal-gudikati, u ghalhekk ma jammettiex interpretazzjoni estensiva"*

Illi, tenut kont ta' tali taghlim kif ukoll tal-fatt illi l-azzjoni odjerna hija wahda spejali u straordinarja illi biha qiegdha tintalab it-thassir ta' sentenza u mhux fi stadju ta' Appell, ghalhekk il-Bord ghandu jezami u jiddeciedi l-ka unikament fil-parametri tal-Ligi illi abbazi taghha ir-rikorrenti ritrattandi ghamlet il-kawza.

Peress illi l-azzjoni odjerna geit ibbaztz fuq l-artiklu 42 tal-Kap 69, u mhux fuq l-Artikolu 811 tal-Kap 12, ghalhekk il-Bord huwa prekluz milli jiehu konjizzjoni ta' argumentazzjoni li ma jaqawx fl-ambitu ta' dak indikat fl-istess Artrikolu 42, ossija illi kien hemm "*dikjarazzjoni falza magħmula*" mir-rikorrenti, intimati ritrattati fil-proceduri odjerni.

Il-Bord ghalhekk ma jistax jiehu konjizzjoni ta' l-ewwel tlett argumentazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti ritrattandi, peress illi dawna ma jinkwadrawx ruhhom f'dak ipprovdut fl-ARtikolu 42 tal-Kap 69.

**Ikkunsidra**

Illi ghalhekk il-Bord ser jghaddi biex jikkunsidra l-ahhar argumentazzjoni imressqa mir-rikorrenti ritrattandi, ossija dik tad-dikjarazzjoni falza.

Kif jirrizulta mill-process anness mal-proceduri odjerni u li dwaru qieghda ssir ir-ritrattazzjoni, fil-proceduri li wasslu ghas-sentena tat 23 ta' Novembru 2011, kienu xehdu rappresentant tal-Water Services Corporation, kif ukoll ir-rikorrenti Martin Aquilina u Mary Aquilina u gar tal-fond tar-rikorrenti ritrattandi, John Pizzuto.

Illi minn dina x-xhieda kollha, jirrizulta illi l-fond kellu konsum baxx hafna ta' dawl u elettriku filwaqt illi r-rikorrenti Martin u Mary Aquilina, illi ghandhom hanut erbgha bibien 'l fuq mil-fond mikri lir-rikorrenti ritrattandi, sahqu illi ftit li xejn kiene jaraw lir-rikorrenti ritrattandi fil-fond u, kull meta habtulha, hija qatt ma fethet il-bieb. Jirrizulta wkoll, mix-xhieda tal-garr John Pizzuto, illi ghandu ir-residenza sovrastanti dik tar-rikorrenti ritrattandi, li, filwaqt illi jara lill-Mizzi tahsel il-fond darba fil-gimgha, huwa qatt ma sema xi movimenti fil-fond u, darba minnhom, kienet qaltlu illi s-sidien kienu qed ifittxuha sabiex jizgumrawha minn hemm u ghalhekk kienet ser tibda tqatta aktar hin hekk u qaltlu "se tarawni iktar ta' spiss".

Illi, mix-xhieda tar-rikorrenti ritrattandi, jirrizulta illi, peress illi hija armla, kull ma taghmel fil-fond huwa illi torqod hemm peress illi, kif stqarret hija stess, tohrog kmieni filghodu u tirritorna tard filghaxija, u dana peress illi hija tiffrekwenta habib taghha, Peter Muscat Scerri, illi ghalkemm mhux mizzewgin, ilhom johorgu flimkien kulljum ghal dawn l-ahhar 23 sena. Hija stqarret ukoll illi hi

tiehu hsieb kollox ghal Peter Muscat Scerri u t-tnejn jaghmlu kumpannija lill-xulxin. Fix-xitwa tmur id-dar tiegu filwaqt illi fis-sajf tmur fuq id-dghajsa tieghu illi tinsab irmiggjata Ta' Xbiex. Stqarret ukoll illi gieli ssiefer mieghu, kemm fis-sajf kif ukoll fix-xitwa, izda, fix-xhur meta nbdiet il-kawza originali, ossija f'Jannar u Frar 2010, hija kienet fid-dar taghha u ghalhekk ma setgehtx tifhem kif meta marru biex jinnotifikawha ma sabuhiex hemm. Ziedet tghid ukoll illi f'Lulju ta' dik is-sena saret l-affissjoni fuq il-fond taghha, liema affissjoni, li saret fis 17 ta' Lulju 2010, eventwalment wasslet ghad-decizjoni kontra taghha sittax-il xahar wara, u tistqarr li ma tistax tghid jekk kienetx imsiefra jew le, izda certament qatt ma rat id-dokument imwahhal.

Il-verzjoni tal-fatti tar-rikorrenti ritrattandi gew ikkonfermat in toto mill-habib taghha, Peter Muscat Scerri, li stqarr illi huma jiffrekentaw lill xulxin kulljum u dana ghal dawn l-ahhar tlieta u ghoxrin sena, u Mizzi tmur ghandu kulljum sa minn kmieni filghodu u titlaq minn hemm tard filghaxija, sabiex torqod id-dar taghha. Dana, madankollu, ma jigrix, naturalment, meta jkunu imsefrin flimkien jew meta ikunu barra minn Malta bid-dghajsa tieghu.

**Ikkunsidra**

Illi, mill-provi prodotti quddiem dana il-Bord, ftit li xejn jirrizulta illi l-intimati ritratttai ghamlu xi dikjarazzjoni falza quddiem l-ewwel Bord.

Dana qieghed jinghad ghax, mix-xhieda ta' l-istess rikorrenti ritrattandi, hija stess stqarret illi titlaq minn gewwa l-fond taghha kmieni filghodu u tirritorna lura tard filghaxija. Ghalhekk, certament huwa verosimili illi huma qatt ma raw lir-rikorrenti fil-fond, ghax dana huwa kkonfermat mir-rikorrent stess.

Il-fatt li, madanakollu, huwa kemmejn inverosimili, hija l-argumentazzjoni illi, ghalkemm hija f'relazzjoni mal-habib taghha Peter Muscat Scerri, peress illi huwa armel u hija xebba, f'tul it-tlieta u ghoxrin sena tar-relazzjoni taghhom,

hija baqghet kulljum, tmur ghandu filghodu kmieni, ghal habta tas sitta u nofs ta' filghodu, u tirritorna lura d-dar tard filghaxija. Huwa kemmxejn difficili ghal dan il-Bord jemmen illi attwalment ir-rikorrenti ritrattandi kienet attwalment qieghda taghmel hekk, u huwa ferm aktar possibbli illi r-rikorrenti ritrattandi bdiet tiffrekwenta lill Peter Muscat Scerri, kif kellha kull dritt illi taghmel, u tghix mieghu permanentement filwaqt illi, kull tant zmien, titfaccja fid-dar taghha sabiex tivverifika l-kollox kien f'postu.

Tali konsiderazzjonijiet qieghdin isiru kemm in vista tax-xhieda prodotta mill-intimati ritratttai fil-kawza originali, kif ukoll minn ritratti esebiti mill-istess rikorrenti ritrattandi, liema ritratti juru li l-ghamara li hemm fil-fond minnha allegatament abitat kulljum, hija ghamara antika hafna kif ukoll sparsa u l-oggetti li jidhru hemm ma tantx jaghtu x'wiehed jifhem illi l-post huwa abitat regolarment. Dana il-fatt kien gie anke stabbilit mir-rikorrenti fix-xhieda taghhom quddiem l-ewwel Bord.
Finalment, il-prova li turi li r-rikorrent ritrattandi ma kienetx qieghda toqghod fil-fond huma l-varji notifiki b'esitu negattiv illi sarulha mill-intimati ritrattandi fis 27 ta' Jannar 2010, fis 16 ta' Frar 2010 u fl-10 ta' Gunju 2010 kif ukoll il-fatt illi hija ma ratx id-dokument imwahhal mal-propejta minna allegatament uzat fit 12 ta' Lulju 2010. Dawna l-fatti kollha huma indikattivi hafna u juru illi l-intimati ritratttati, fid-dikjarazzjonijiet illi huma ghamlu quddiem il-Bord diversament kompost, ma ghamlu ebda dikjarazzjoni falza, izda stqarrew biss il-fatt illi dwarhom kienu jafu huma stess, u li kien korroborat mid-diffikulta' riskontrata mill-istess intimati ritrattandi sabiex jinnotifikawha kif trid il-Ligi.

Il-Bord ukoll ma jistax ma jinnutax illi r-rikorrenti ritrattandi saret taf bl-ezitu tal-kawza **biss** meta irceviet ittra normali, u li ghalhekk ma kellhiex tigi nnotifikata lilha personalment izda tithalla biss fil-posta taghha, liema fatt ikompli juru illi huwa minnu illi r-rikorrenti ritrattandi qatt ma tkun id-dar u li dak dikjarat mill-intimati ritrattandi ma kienx falz, kif qieghda tikkontendi ir-rikorrenti ritrattandi.

**Konkluzjoni**

Il-Bord

Wara illi ra il-provi kollha prodotti u ha konjizzjoni ukoll tal-process tal-proceduri originali li qieghda jigu attakati bil-proceduri odjerni.

Wara illi sema it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi billi

Jilqa l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati u ghalhekk

Jichad it-talbet attrici kollha

Spejjez kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------